MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 6/2012

**Michelle Paula Spiteri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex u permezz ta' digriet tat-18 ta' Mejju 2013 Michelle Paula Spiteri u David Pisani bhala kuraturi tal-minuri Lorine Pisani intervjenew** *in statu et terminis*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:-

1. Illi l-esponenti kellha z-zwieg taghha minn ma' Mohamed Zghidi annullat u dana permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Settembru 2011 u dana skond kif jirrizulta ukoll mill-att taz-zwieg tal-esponenti li qed jigi hawn esebit u markat Dokument A;

2. Illi in oltre permezz ta’ sentenza ohra ta’ dina l-Onorabbli Qorti tal-25 ta’ Novembru 2011 giet ordnata l-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ bint l-esponenti Lorine Pisani u dana anke kif jixhed l-att tat-twelid ta’ l-istess bint minuri liema certifikat qed jigi hawn anness u markat bhala Dokument B;

3. Illi minkejja dawn iz-zewg sentenzi u minkejja li tali sentenzi gew korrettement iskritti fir-Registru Pubbliku, ghal xi raguni fic-certifikat tat-twelid ta’ bintha Lorine Pisani u precizament fil-kolonna bl-ismijiet *‘Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm’* xorta wahda gie imnizzel il-kliem *wife of Mohamed Zghidi;*

Ghalhekk ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Ikun hemm korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ Lorine Pisani bin-numru progressiv sitta u hamsin (56) tas-sena elfejn u hdax (2001 recte: 2011) u precizament fil-kolonna bl-ismijiet *‘Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta’ l-Omm’* billi l-kliem *wife of Mohamed Zghidi* jigu totalment kancellati.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.

Rat ir-risposta tad-Direttur Registru Pubbliku li permezz taghha eccepixxa :

1. Preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti hija improponibbli ghaliex il-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta’ Lorine Pisani gia gie ordnat b’decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta’ Novembru 2011, fil-kawza Michelle Spiteri et vs Mohamed Zghidi et liema deczijoni saret definittiva peress illi ma gietx appellata la mir-rikorrenti odjerna, lanqas mir-rikorrenti l-iehor Dr Joseph Grech li kien qed jidher ghan-nom ta’ Lorine Zghidi, u lanqas mill-intimat esponenti, lanqas mill-intimati l-ohrajn Mohammed Zghidi u David Pisani. Anki nhareg certifikat ta’ res judicata f’dan is-sens. B’hekk l-azzjoni odjerna ghandha tigi michuda peress illi l-kwistjoni mqajjma f’dan ir-rikors hija llum res judicata.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti trid tghid x'interess guridiku ghandha f'din il-kawza, peress illi l-korrezzjoni illi qeghda titlob tirrigwarda c-certifikat tat-twelid ta' bintha Lorine, u mhux taghha;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, assolutament ma jistax jinghad illi t-talba odjerna biex 'fil-kolonna bl-ismijiet 'Isem u Kunjom u Post tat-Twelid ta' l-omm' billi l-kliem wife of Mohammed Zghidi jigu totalment kancellati' qeghda ssir 'in linea maz-zewg sentenzi gia moghtija minn din l-Onorabbli Qorti'. Dan peress illi l-Qorti fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Novembru 2011 ma ordnatx illi kull referenza ghaz-zwieg tar-rikorrenti ma' Mohammed Zghidi tigi kancellata izda (korrettament) kienet ordnat illi jsiru l-korrezzjonijiet fic-certifikat u 'tordna wkoll jigu kancellati l-kliem 'the said' mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm'.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, artikolu 251(d) tal-Kodici Civili jghid specifikament illi meta tarbija titwieled anqas minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni, divorzju jew annullament taz-zwieg tal-omm kull referenza ghaz-zwieg tal-omm ghandha tibqa'. Ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhiex ragun titlob illi r-referenza ghaz-zwieg taghha ma' Zghidi tigi kancellata minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta' bintha u dan peress illi bintha twieldet mitt jum wara illi z-zwieg taghha ma' Zghidi gie ddikjarat null u bla effett.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti partikolarment li fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 Dr Marlin Vella b'referenza ghar-raba' eccezzjoni iddikjara li l-artikolu li semma mhux korrett izda rrefera ghall-artikolu 278(e)(1).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

In succinct il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni huma:

i. L-attrici kienet izzewget lil certu Mohamed Zghidi fil-25 ta' Marzu 2000.

ii. Hija sseparat permezz ta' kuntratt ippublikat fit-13 ta' Frar 2011.

iii. Fil-frattemp l-attrici kellha relazzjoni ma' David Pisani u minn tali relazzjoni twieldet il-minuri Lorine fit-8 ta' Jannar 2011.

iv. Permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, Sezzjoni Familja, tat-30 ta' Settembru 2011 iz-zwieg gie dikjarat null.

v. Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Novembru 2011 giet ordnata l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri.

vi. Gara li r-Registru Pubbliku xorta wahda fic-certifikat tal-minuri fil-kolonna 'Isem u kunjom u post tat-twelid ta' l-omm' xorta wahda tnizzel il-kliem 'wife of Mohamed Zghidi'. Ghalhekk permezz tal-kawza odjerna qieghed jintalab li l-kliem 'wife of Mohammed Zghidi' jigu totalment ikkancellati.

<u>Res Judicata</u>

Illi l-konvenut eccepixxa li l-kwistjoni odjerna hija llum kolpita bil-gudikat.

Illi huwa ben stabilit li sabiex din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni jridu jikkonkorru tliet elementi u cioe` dawk definiti bhala l-*"eadem causa petendi, eadem personam* u *eadem res"* u dan ifisser li sabiex din il-Qorti ssib illi l-azzjoni li ghandha quddiemha hija fil-fatt milquta bil-gudikat ta' sentenza ohra, jehtieg illi jirrizulta illi fil-fatt fiz-

zewg kawzi hemm l-istess partijiet, l-istess oggett u l-istess natura tal-kawza jew kawzali.

Illi huwa mportanti li jinghad li dwar il-kuncett purament civili ta' *res judicata* kif sancit fl-**artikolu 730 tal-Kap.12** l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha dejjem tigi deciza b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ggib in-nullita' tas-sentenza[1].

Illi fis-sentenza **Anthony Borg et vs Anthony Francis Willoughby et**[2] intqal li:-
*"Eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hi wahda ta' natura prettament guridika. Huwa importanti pero', u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja izda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti………."*
*"Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni ohra tigi ribadita l-enuncazzjoni kaptata mid-decizjoni fl-ismijiet **'Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et',** Appell Kummerc, 5 ta' Novembru 1934":-.*
*"Illi dan peress "exceptio rei judicatae" ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex "interest rei publicae ut sit finis litiu". Sentenza li ghaddiet "in giudicatio", jigifieri li ma tistax tappella minnha izjed, hija mizmuma tajba u sewwa u tal-haqq - "res judicata pro veritate habetur" – jigifieri l-fundament tal- "actio" u tal- "exceptio judicat"' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija "strictissimae interpretationis".*

Illi, min-naha l-ohra, dan il-principju huwa bilancjat b'dak l-iehor daqstant importanti li, fejn kwistjoni tkun giet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tigi appellata jew ritrattata, tigi konfermata; jew, jekk ma tigix appellata jew ritrattata fiz-zmien li tippreskrivi l-ligi, ma tistax issir l-ebda procedura ohra li tattakka lil dik is-

[1] **Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe** A.K. deciza fl-10 ta' Dicembru 1954; **Salvina Pullicino et vs Carmel Busuttil** P.A. RCP deciza fis- 26 ta' Gunju 2008.

[2] Cit Nru: 1792/1999PS deciza fit-28 ta' Marzu 2003

sentenza. Dan il-principju jissahhah meta l-kwistjoni li dwarha tinfetah it-tieni kawza jkun diga' jezisti fil-waqt li tinghata s-sentenza fl-ewwel kawza.

Illi ghalhekk isegwi li l-eccezzjoni tal-gudikat tintrabat mal-ezistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispozittiva taghha (fil-kliem strettament uzati mill-gudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintaghmlu u li jwasslu ghal dik is-sentenza; fuq dan il-punt inghad diversi drabi li l-gudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun gie espressament dibattut fil-kawza li s-sentenza taghha titqieghed bhala l-bazi tal-eccezzjoni tal-gudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' gie diskuss u ma jkunx gie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provediment ma jgibx fix-xejn il-gudikat.

Illi min-naha l-ohra fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Borg et vs Anthony Willoughby et** gie ritenut li sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat[3]. Dan ifisser li l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta *si tratta* minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet 'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza[4]. Infatti huwa maghruf li *"nel dubbio il giudice non deve prepondere per la cosa giudicata."*[5]

---

[3] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.
[4] Vide **Caterina Gerada vs Av Dr Antonio Caruana,** App Civ deciza fis-7 ta' Marzu 1958.
[5] Vol. XXIX.i.1155

Illi ghal dak li jirrigwarda l-*eadem res,* fis-sentenza **Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Company Limited**[6] gie kkonfermat li din ghandha *"tinkorpora li l-oggett mitlub fit-talba l-gdida hu identiku ghat-talba precedenti li giet determinata minn sentenza li ghaddiet in gudikat".*

Illi l-bazi ghal dan ir-rekwizit hija ghalhekk cara u fis-sens li sentenza li tikkostitwixxi gudikat ma tistax timpedixxi talba gdida milli tigi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiza sabiex tottjeni xi haga differenti ghal dak li kien ipprova jitlob b'talba precedenti li giet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi li anki jekk l-oggett ta' talba gdida hu simili ghal ta' decizjoni precedenti, din is-similarita' mhix ostaklu ghal talba gdida ghaliex l-effetti ta' sentenza li tkun ghaddiet in gudikat huma limitati ghal dak li kienu ssottomettew il-partijiet u ghal dak li jkunu ddecidew il-Qrati.

Illi ghar-rigward tal-*eadem causa petendi,* din il-kondizzjoni tirrikjedi li *"the cause of the claim"* kontenuta fit-talba l-gdida, tkun l-istess bhat-talba precedenti u li giet deciza minn sentenza li ghaddiet in gudikat. Illi l-***Prof. Caruana Galizia*** f'**"Notes on Civil Law"** (Pt.IV p.1428) spjega li l-*causa petendi* hi *"the title on which the demand is based"* . Illi ghalhekk, din hija t-titlu, cioe', l-fatt guridiku li fuqu d-dritt pretiz hu bbazat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuti fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat.

Illi dwar l-*eadem personae*, fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et vs Giovanni Farrugia**[7] il-Qorti qalet li *"biex ikun hemm il-gudikat, jehtieg…li s-sentenza ta' qabel kienet giet maqtugha f'kawza bejn l-istess persuni…"* Illi pero' dan ma jfissirx li *"l-promoturi tal-istess procedura setghu jipproponu mill-gdid kawza identika bl-*

[6] Cit Nru 1209/00RCP deciza fid-9 ta' Jannar 2002
[7] PA deciza fit-13 ta' Frar 1958, Vol XLII.ii.917

*inseriment ta' persuna taghhom li ma kinitx verament necessarja mill-aspett legali"*[8].

Illi ghalkemm ma giex indikat b'mod specifiku mill-konvenut huwa evidenti li qieghed jirreferi ghas-sentenza li diga' inghatat fl-ismijiet 'Michelle Spiteri et vs Zghidi et', Rik Nru:9/2011 deciza fil-25 ta' Novembru 2011. Mhux kontestat li din is-sentenza ma giet appellata minn hadd.

Illi m'hemmx dubju li fiz-zewg proceduri hemm involuti l-istess persuni ghalkemm fl-ewwel proceduri kien hemm inkluz Zghidi biss pero' dan ma jwassalx li r-rekwizit ta' *eadem personae* mhux sodisfatt.

Illi l-ghan ta' l-ewwel kawza kien li jigi dikjarat li t-tifla minuri li giet registrata bhala wild Mohammed Zghidi hija t-tifla naturali ta' David Pisani. Konsegwenzjalment ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri ried jigi kkoregut biex jirrifletti din ir-realta'. Permezz tal-kawza odjerna ukoll qeghda tintalab korrezzjoni fl-istess certifikat din id-darba pero' inkwantu dettal li jirrigwarda l-attrici, omm il-minuri.

Hawnhekk ma jridx jintesa li qeghdin nitrattaw kwistjonijiet dwar l-istatus personali ta' persuni u ghalhekk huwa importanti li d-dettalji mnizzla fic-certifikati jirriflettu r-realta'.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

<u>Interess Guridiku</u>

Illi fl-ewwel lok m'hemm l-ebda dubju li l-attrici ghandha interess guridiku biex tippromwovi l-istess azzjoni ghaliex l-interess primarju huwa li l-att tat-twelid ta' bintha ikun korrett.

Fit-tieni lok din l-eccezzjoni giet sorvolata peress li l-genituri tal-minuri intervenew *in statu et terminis* bhala kuraturi ta' l-istess minuri.

---

[8] Vide **Igino Trapani Galea Feriol et vs Jane mart Jimmy Agius et,** App Civ deciza fit-2 ta' Lulju 1996, Vol LXXX.ii.804

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Mertu

Illi l-konvenut irrefera ghall-artikolu 278(e)(i) tal-Kap16 ghalkemm mid-dicitura ta' l-eccezzjoni huwa evidenti li kien proprjament qieghed jirreferi
ghall-artikolu 278(e)(iii). L-artikolu 278 jelenka l-partikolaritajiet li ghandu jkun fih l-att tat-twelid. Dan jistipula s-segwenti:

*"Kull att tat-twelid għandu jinkiteb skont il-Formula C fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li hawn ma' dan il-Kodici u, bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra, ghandu jkun fih il-partikolaritajiet li gejjin:*

*(a) id-data tal-att stess;*

*(b) il-hin, il-jum, ix-xahar, is-sena, u l-lok tat-twelid;*

*(c) jekk tifel jew tifla;*

*(d) l-isem moghti lit-tarbija, u, meta jigi moghti izjed minn isem wiehed, tismija specjali tal-isem jew ismijiet illi bihom it-tarbija ghandha tigi msejha u l-kunjom tat-tarbija;*

*(e) l-isem, il-kunjom, dokument ta' identifikazzjoni legalment validu, l-età, il-lok fejn twieldu u fejn joqoghdu missier it-tarbija, ommha, u l-persuna li*
*taghmel id- dikjarazzjoni:*

*Izda:*

*(i) meta t-tarbija titwieled matul iz-zwieg, ghandha tinghata indikazzjoni fl-att tat-twelid, taz-zwieg tal-omm lir-ragel biswit l-isem u l-kunjom taghha billi jintuzaw il-kliem "mart l-imsemmi";*

*(ii) meta t-tarbija tkun twieldet aktar minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni legali, tad-divorzju jew tal-annullament taz-zwieg tal-omm m'ghandha tissemma l-*

*ebda referenza ghas-separazzjoni legali, ghad-divorzju jew ghall-annullament taz-zwieg tal-omm;*

*(iii) meta tarbija tkun twieldet anqas minn tliet mitt jum mid-data tas-separazzjoni legali, tad-divorzju jew tal-annullament taz-zwieg tal-omm ghandha ssir referenza ghal dak il-fatt fl-att tat-twelid minflok l-kliem imsemmi fil-paragrafu (i) ta' dan il-proviso;*

*(iv) fil-kaz li jkunu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 280(2)(a) ghandha ssir referenza ghal dak il-fatt fl-att tat-twelid;*

*(f) l-isem u l-kunjom tal-missier ta' kull wiehed mill-genituri tat-tarbija, u tal-missier tal-persuna li taghmel id-dikjarazzjoni, u jekk hux haj jew mejjet."*

Illi f'dan il-kaz meta t-tarbija twieldet kien matul iz-zwieg ta' l-attrici ma' Mohamed Zghidi u in effetti xahar qabel is-separazzjoni legali. Kif diga' gie rilevat ukoll dan iz-zwieg eventwalment gie dikjarat null ftit anqas minn disa' (9) xhur wara t-twelid tal-minuri. Ghalhekk it-talba ta' l-attrici li l-kliem 'wife of Mohamed Zghidi' jigu totalment kancellati ma tistax tintlaqa' ghaliex f'dan il-kaz ma jsibx l-applikazzjoni s-subartikolu (ii) ta' l-artikolu 278. Il-ligi f'dan l-artikolu hija cara li d-data li hija relevanti biex tittiehed in kunsiderazzjoni hija d-data tas-separazzjoni legali, annullament jew divorzju u t-tarbija trid tkun twieldet wara dik id-data u mhux qabel kif sehh fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tar-res judicata u t-tieni eccezzjoni tad-Direttur Registru Pubbliku, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra u tichad it-talba attrici.

Spejjez relatati ma' l-ewwel eccezzjoni a karigu tal-konvenut filwaqt li l-bqija ta' l-ispejjez a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------